P.L. 10902

# PARLAMENT TA' MALTA

KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI

---

## AĠĠORNAMENT TAL-AĦĦAR TAGĦLIM ETIKU U MORALI FUQ IL-PROKREAZZJONI ASSISTITA:

## EVALWAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-10 LEĠISLATURA

---

IT-TIELET RAPPORT TAL-11-IL LEGISLATURA

SETTEMBRU 2009

## IL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tar-Rappreżentanti huwa magħmul minn 7 Membri li ġejjin miż-żewġ naħat tal-Kamra. Skont Ordni Permanenti 120G tal-Parlament, xogħol il-Kumitat huwa li jittratta l-materji kollha li għandhom x'jaqsmu ma' politika soċjali inkluż assistenza soċjali u affarijiet tal-familja, li jistgħu, iżda mhux neċessarjament, ikunu riferuti lilu mill-Kamra jew mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

Il-Membri li jservu fuq dan il-Kumitat huma:

Onorevoli Edwin Vassallo, MP, President
Onorevoli Frederick Azzopardi, MP, Membru
Onorevoli Justyne Caruana, MP, Membru
Onorevoli Michael Farrugia, MP, Membru
Onorevoli Michael Gonzi, MP, Membru
Onorevoli Stephen Spiteri, MP, Membru
Onorevoli Anthony Zammit, MP, Membru

WERREJ


| | | |
|---|---|---|
| 1. | INTRODUZZJONI | pġ4 |
| 2. | *DIGNITAS PERSONAE* (ID-DINJITÀ TA' KULL PERUSUNA) | pġ5 |
| 2.1. | Id-dritt tal-koppja għall-parteċipazzjoni diretta u attiva fit-tnissil tal-ulied | pġ6 |
| 2.2. | Ir-rispett lejn id-dinjità u l-integrità tal-ħajja umana | pġ6 |
| 2.3. | Il-ħarsien tal-valur tal-familja u ż-żwieġ | pġ7 |
| 2.4. | Il-ħarsien tad-drittijiet u l-interessi tat-tarbija li ser titwieled | pġ7 |
| 3. | *DONUM VITAE, DIGNITAS PERSONAE* U L-ISTITUZZJONIJIET EWROPEJ | pġ7 |
| 3.1. | L-Istituzzjonijiet Ewropej | pġ8 |
| 3.2. | Il-Konvenzjoni ta' Oviedo | pġ9 |
| 4. | EVALWAZZJONI TAR-RAKKOMANDAZZJONIET FIR-RAPPORT TAL-10 LEĠISLATURA | pġ10 |
| 4.1. | Liema koppji ser ikunu eliġibbli għas-servizzi tal-prokreazzjoni assistita | pġ10 |
| 4.2. | L-iffriżar tal-embrijuni | pġ11 |
| 4.3. | Id-donazzjoni ta' gameti mit-tielet persuna (jekk xi ħadd mill-koppja tkun sterili) | pġ12 |
| 5. | KONKLUŻJONI | pġ13 |

## 1. INTRODUZZJONI

Wara r-rapport komprensiv ippublikat mill-Kumitat Parlamentari dwar l-Affarijiet Soċjali tal-10 Leġislatura f'Ġunju tal-2005 intitolat *L-Użu tal-Bijoteknoloġija: Teknoloġija Ġenetika u Prokreazzjoni Assistita*[1], il-Kumitat tal-11-il Leġislatura qabel li jaġġorna l-għarfien tiegħu dwar l-aħħar tagħlim etiku u morali fuq il-prokreazzjoni assistita. Il-Membri ddeċidew li jagħtu attenzjoni lid-dokument *Dignitas Personae*[2], ippublikat f'Diċembru tal-2008 mill-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi tal-Vatikan. Għaldaqstant, ġie mistieden ir-Rev Prof Emanuel Agius, Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija, għalliem tal-Etika Filosofika u t-Teoloġija Morali. Huwa wkoll membru fil-Kumitat Nazzjonali tal-Bijoetika u fil-*European Group of Ethics in Science and new Technologies* li jaqa' direttament taħt il-President Barroso. B'kollox saru żewġ laqgħat li jikkumplimentaw ix-xogħol kbir li kien sar minn dan l-istess Kumitat fil-leġislatura l-oħra. B'hekk il-Membri setgħu jiddiskutu x'inhuma l-valuri li għandhom jispiraw, kemm il-leġislatur u anki s-soċjetà in ġenerali, meta tiġi abbozzata l-liġi fuq il-prokreazzjoni assistita.

Parlamenti mid-dinja kollha qed jagħmlu kull sforz sabiex ir-regolamentazzjoni fil-Bijoetika tibqa żżomm il-pass mgħaġġel mal-iżviluppi xjentifiċi f'dan il-qasam. Il-liġi teħtieġ issawwar bilanċ bejn l-aspirazzjonijiet tas-soċjetà, li tagħmel użu minn din it-teknoloġija, u l-ħarsien tad-dinjità tal-bniedem sa mill-mument tat-tnissil tal-ħajja umana. L-isfida tal-prokreazzjoni assistita għandha ħafna aspetti, partikolarment għaliex ix-xjenza ħolqot tipi differenti ta' teknoloġiji. It-teknoloġija riproduttiva qed twassal għar-realtajiet ġodda bħal esperimentazzjoni bl-embrijuni, tfal b'aktar minn ġenitur wieħed minħabba għotjiet ta' gameti, iffriżar tal-ħajja umana (embrijuni), taħlita bejn ċelloli tal-annimali u tal-bniedem (*hybrids*), testijiet ġenetiċi qabel ma' l-embrijuni jiġu ttrapjantati fil-ġuf tal-omm (*Preimplantation Genetic Diagnosis - PGD*), ommijiet li jġorru tarbija għall-ħaddieħor (*surrogate mothers*) u l-klonazzjoni riproduttiva u terapewtika. Għaldaqstant, kollox jindika li l-bniedem qed ikollu aktar setgħa fuq il-ħajja umana, liema setgħa trid tkun regolata minn liġijiet ibbażati fuq il-valuri, b'mod speċjali l-valur tal-integrità u l-invjolabilità tal-ħajja umana, tad-dinjità tal-bniedem mit-tnissil sal-mewt, u l-integrità tal-familja u taż-żwieġ.

Rev Prof Agius sostna li fid-dawl tal-iżvilupp mgħaġġel dwar it-teknoloġija riproduttiva, il-Knisja għandha l-jedd u d-dmir, bħala *stakeholder*, li tipparteċipa fid-diskussjoni pubblika u li tagħmel riflessjonijiet tagħha fuq id-dinjità tal-bniedem, il-familja u l-ġid komuni. L-espert semma' kif filosfi liberali bħal John

---

[1] Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali (2005). *L-Użu tal-Bijoteknoloġija – Teknoloġija Ġenetika u Prokreazzjoni Assistita* (10 Leġislatura). Kamra tad-Deputati. Malta.

[2] http://www.vatican.va/roman_curia/congregations/cfaith/documents/rc_con_cfaith_doc_20081208_dignitas-personae_en.html

Rawls u Jürgen Habermas, li kienu kontra s-sehem tal-Knisja f'diskussjonijiet ta' natura politika u pubblika, illum dawru l-fehma tagħhom u fehmu li l-Knisja għandu jkollha rwol sabiex tieħu sehem attiv fit-tfassil ta' liġijiet imdawla mill-valuri umani u Kristjani. Huwa saħaq li kull skoperta tista' isservi ta' ġid daqs kemm ta' ħsara, u rrefera għall-eżempju tal-esperimenti li saru fl-enerġija atomika u n-nuqqas ta' trasparenza u djalogu li wasslu għall-konsegwenzi diżastrużi fuq il-ħajja umana u l-ambjent. Bħal ma ssostni l-Konvenzjoni dwar il-Bijoetika tal-Kunsill tal-Ewropa, id-dinjità ta' kull persuna umana għandha tipprevali dejjem u fuq kollox, inkluż fix-xjenza. Dan ifisser li l-valur tad-dinjità tal-bniedem u d-dinjità umana biss għandhom ikunu l-kelj ta' dak li hu aċċettabbli jew le. Huwa propju fuq dawn il-valuri, li nsibu wkoll fil-Konvenzjoni ta' Oviedo tal-Kunsill tal-Ewropa u Trattati oħra tal-Unjoni Ewropa, li hija msawrha l-Istruzzjoni *Dignitas Personae.*

## 2. *DIGNITAS PERSONAE* (ID-DINJITÀ TA' KULL PERSUNA)[3]

L-iskop ta' *Dignitas Personae,* li ġiet ippublikata f'Diċembru tal-2008 mill-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi u approvata mill-Papa Benedittu XVI, huwa li jaġġorna l-Istruzzjoni *Donum Vitae*[4] *(*Ir-Rigal tal-Ħajja*)* tal-1987 u tikkumplimenta l-enċiklika tal-Papa Ġwanni Pawlu II, *Evangelium Vitae* (L-Evanġelju tal-Ħajja) tal-1999. *Dignitas Personae* tikkonferma li l-prinċipji u l-moralità minsuġa fid-*Donum Vitae* għadhom validi sal-lum, 20 sena wara l-promulgazzjoni tagħha. F'soċjetà postmoderna maħkuma minn kultura ta' "uża u armi", katalista tal-kultura tal-mewt, dan id-dokument huwa pass'il quddiem lejn il-kultura favur il-ħajja.

Ġustament il-Knisja taqbel li koppji miżżewġin li jesperjenzaw l-infertilità (madwar 10% tal-koppji) għandhom kull dritt li jaraw x'qed toffri t-teknoloġija u t-terapija medika tal-lum. Madanakollu, din it-teknoloġija trid tkun regolata u mdawla minn kultura favur il-ħajja. Rev Prof Agius għamel referenza għad-diskussjoni bejn il-filosofu post-modern u politiku Taljan Marcello Pera, u l-Papa Benedittu XVI, meta kien għadu Prefett tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi. **Il-Papa qal li dawk il-pajjiżi li jiddeċiedu li jfasslu liġi dwar it-teknoloġija riproduttiva u li ma tirriflettix kompletament it-tagħlim tal-Knisja, il-politiċi għandhom jassiguraw li l-liġi tkun msejsa fuq il-valuri fundamentali tal-protezzjoni tal-integrità u l-invjolabilità tal-ħajja umana sa mill-bidu nett tagħha u tal-istituzzjoni tal-familja u żwieġ.**

---

[3] ibid
[4] http://www.vatican.va/holy_father/john_paul_ii/encyclicals/documents/hf_jp-ii_enc_25031995_evangelium-vitae_en.html

*Dignitas Personae* tisħaq li dawn iż-żewġ valuri ewlenin li għandhom imexxu l-politiċi ta' rieda tajba u li għandhom għal qalbhom il-ġid komuni u l-kultura tal-ħajja, jissarfu f'erba' prinċipji:

1. *Id-dritt tal-koppja għall-parteċipazzjoni diretta u attiva fit-tnissil tal-ulied;*
2. *Rispett lejn id-dinjità u l-integrità tal-ħajja umana sa mill-bidu nett;*
3. *Il-ħarsien tal-familja u ż-żwieġ;*
4. *Il-ħarsien tad-drittijiet u l-interessi tat-tarbija li ser titwieled.*

Rev Prof Agius qal li liġi msejsa fuq dawn il-prinċipji għandha tkun liġi li tagħmel unur lil Malta. Dan mhux għaliex li ser ikollna liġi li tirrispetta t-tagħlim tal-Knisja Kattolika, iżda għaliex ikollna liġi li tirrispetta l-ħajja. Rev Prof Agius u l-Membri tal-Kumitat qablu li jekk jeżisti valur li l-partiti politiċi jaqblu fuqu huwa r-rispett lejn il-ħajja tal-bniedem, u allura kull politiku jrid jinforma u jifforma l-kuxjenza tiegħu biex iħares dawn il-prinċipji.

**2.1. Id-dritt tal-koppja għall-parteċipazzjoni diretta u attiva fit-tnissil tal-ulied**

Rev Prof Agius kompla jgħid li l-koppja li tiddeċiedi li tagħmel użu tal-prokreazzjoni assistita għandha tingħata informazzjoni sħiħa, inkluż ir-rata ta' suċċess u l-implikazzjonijiet finanzjarji tat-teknoloġija, perikli fuq is-saħħa tal-omm u tat-tarbija, u alternattivi mediċi oħrajn. Kull intervent mediku għandu jħares id-dritt li l-koppja tipparteċipa b'mod dirett u attiv fil-proċess tat-tnissil tal-ħajja ta' wliedha bħala espressjoni tal-imħabba tagħhom lejn xulxin.

**2.2. Ir-rispett lejn id-dinjità u l-integrità tal-ħajja umana**

Rev Prof Agius qal li l-ħajja umana hija rigal li Alla l-Ħallieq irid jafda f'idejn il-bniedem. Il-jedd primarju u fundamentali ta' kull bniedem għall-ħajja għandu jiġi mħares. Għalhekk l-embrijun - jiġifieri ħajja umana fil-bidu tagħha - f'ebda stadju tal-iżvilupp, m'għandu jitqies bħala biċċa materjal bijoloġiku. L-esperimentazzjoni fuq l-embrijuni għal skop ta' riċerka xjentifika, il-qerda tagħhom bl-iskuża li huma żejda jew ma jistgħux jiżviluppaw b'mod normali, kif ukoll l-iffriżar tagħhom, anke meta dan isir bl-intenzjoni li jiġu ttrapjantati fi żmien qasir, imorru kontra d-dinjità u l-integrità tal-ħajja umana. Għaldaqstant, il-liġi trid tisħaq għall-anqas numru possibbli ta' embrijuni trapjantati fil-ġuf tal-omm ħalli jiġi evitat l-iffriżar tal-embrijuni li jitħallew żejda u mhux użati. L-iffriżar tal-embrijuni bla skop għandu jkun projbit.

Diversi pajjiżi qed iħabbtu wiċċhom ma' eluf ta' ħajjiet umani (embrijuni) ffriżati fil-laboratorji. Fil-kliniċi ta' Londra biss huwa stmat li hemm 'il fuq minn 30,000 embrijun iffriżat u fl-Istati Uniti n-numru ta' embrijuni ffriżati huwa inestimabbli. Rev Prof Agius semma wkoll prattiċi mqanqla mill-kultura tal-mewt bħal meta ġenituri jridu jagħżlu liema embrijuni ffriżati jiġu trapjantati u oħrajn maqtulin, u

testijiet ġenetiċi (*PGD*) li joqtlu embrijuni li jkunu b'diżabilità jew ta' sess mhux mixtieq mill-ġenituri. Evidentament, kemm il-Membri u anke l-esperti qablu li l-prattiċi tal-*PGD* u s-selezzjoni tal-embrijuni ma jżommux mal-kejl tal-integrità u l-invjolabilità tal-ħajja umana u għalhekk għandhom ikunu projbiti mil-liġi.

### 2.3. Il-ħarsien tal-valur tal-familja u ż-żwieġ

Rev Prof Agius qal li t-tarbija għandha titwieled fiż-żwieġ u miż-żwieġ. Il-prokreazzjoni ta' persuna għandha tkun il-frott u r-riżultat tal-imħabba fiż-żwieġ. Dan huwa ta' ġid kemm għat-tarbija kif ukoll għas-soċjetà in generali. L-indħil ta' persuna barranija bejn il-koppja miżżewġa permezz tal-għotja ta' gameti hija vjolazzjoni tal-għaqda u l-fedeltà taż-żwieg u offiża serja għall-imħabba interpersonali tagħhom.

### 2.4. Il-ħarsien tad-drittijiet u l-interessi tat-tarbija li ser titwieled

Rev Prof Agius kompla jgħid li mhux kull xewqa għal tarbija hija ġustifikata. Xewqa għal tarbija tistà tkun motivata minn sens ta' egoiżmu li huwa għama għal kollox għall-interessi u l-ġid sħiħ tat-tarbija. It-tarbija għandha d-dritt li jkollha ambjent xieraq fejn tista' tiżviluppa l-kwalitajiet tagħha psikoloġiċi, fiżiċi, emozzjonali u morali. Għalhekk huwa fl-interess tat-tarbija u tas-soċjetà li tarbija tiġi mnissla, imwielda u mrobbija mill-ġenituri miżżewġa tagħha. Ir-riċerka turi biċ-ċar kif koppja miżżewġa, kemm mill-Istat u/jew bil-Knisja, għandhom aktar probabilità li joffru l-aħjar ambjent stabbli għat-trobbija tat-tfal minn hekk imsejħa forom oħra ta' familji bħal persuni li jikkoabitaw jew tal-istess sess.

## 3. *DONUM VITAE*, *DIGNITAS PERSONAE* U L-ISTITUZZJONIJIET EWROPEJ

Rev Prof Agius qal li r-realtajiet ġodda fil-prokreazzjoni assistita iqanqlu mistoqsijiet li kemm il-politiku kif ukoll is-soċjetà għandhom id-dmir li jfittxu tweġiba adattata għalihom. Ewlenin fost dawn il-mistoqsijiet insibu b'mod partikolari x'direzzjoni qed tingħata din it-teknoloġija u liema mezzi qed jintużaw; xi tfisser il-familja u ż-żwieġ u meta tibda l-ħajja umana. Dawn il-mistoqsijiet kienu katalisti sabiex diversi istituzzjonijiet u kumitati tal-etika jixtarru l-etika fit-teknoloġija riproduttiva, kemm filosofikament u anke moralment. Barra minn hekk, dawn l-istituzzjonijiet u kumitati ta' etika ħarġu diversi direttivi u trattati, kemm fuq livell Ewropew u anke internazzjonali.

Il-valuri fundamentali ta' *Donum Vitae* (Ir-Rigal tal-Ħajja) tal-1987 u *Dignitas Personae* (Id-Dinjità ta' Kull Persuna) tal-2008 huma konformi mal-valuri li nsibu f'direttivi u trattati Ewropej bħal dawk taċ-*Charter of Fundamental Rights* tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni ta' Oviedo tal-Kunsill tal-Ewropa.

### 3.1. L-Istituzzjonijiet Ewropej

Rev Prof Agius qal li l-prinċipju tar-rispett lejn id-dinjità tal-bniedem għandu l-għeruq tiegħu fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1950, fejn id-dritt tal-ħajja huwa protett bil-liġi. Barra minn hekk, iċ-*Charter of Fundamental Rights*[5] tat-Trattat ta' Riforma tesiġi li l-Unjoni Ewropea għandha tkun mibnija fuq il-valuri tar-rispett lejn id-dinjità tal-bniedem. *Dignitas Personae* jirrikonoxxi l-progress legali u morali li sar f'dan ir-rigward u tħeġġeġ li l-istrutturi u l-istituzzjonijiet soċjali jkunu mdawla minn din l-etika tar-rispett lejn il-ħajja umana. Simili għal *Dignitas Personae*, iċ-*Charter of Fundamental Rights* ma tippermettix testijiet ġenetiċi (*PGD*) li joqtlu l-embrijuni li jkunu b'diżabilità jew ta' sess mhux mixtieq mill-ġenituri. Iċ-*Charter of Fundamental Rights* ma tippermettix ukoll il-klonazzjoni riproduttiva.[6]

Madanakollu, jeżisti messaġġ konfliġġenti bejn dawn id-direttivi u trattati Ewropej li jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem u dak li jiġi prattikat fl-Unjoni Ewropea, speċjalment fejn tidħol ir-riċerka u esperementazzjoni bl-embrijuni. Eżempju ta' dan huwa l-fatt li s-*Seventh Research Framework Programme*[7] jew *FP7* (2007-2013) jippermetti u jiffinanzja riċerka fuq ċelloli steminali ta' embrijuni umani. Dan imur kontra d-dinjità tal-persuna umana. Minn naħa l-oħra, l-*FP7* ma jippermettix ċertu tip ta' riċerka u jeskludi l-klonazzjoni riproduttiva, il-*PGD* u l-ħolqien ta' embrijuni umani għar-riċerka. Rev Prof Agius qal li għalkemm il-klonazzjoni riproduttiva hija projbita miċ-*Charter of Fundamental Rights* tal-Unjoni Ewropea u l-Protokoll dwar il-Klonazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa[8], xi pajjiżi fl-Ewropa jaċċettaw il-klonazzjoni terapewtika, li tfisser esperimentazzjoni b'ċelloli staminali umani. Dan iwassal għad-distruzzjoni tal-embrijuni li huma bnedmin, u għalhekk tmur kontra kull dinjità tal-bniedem. Fuq livell tal-Unjoni Ewropea, il-*European Patent Office*[9], rrifjutat il-*patenting* fuq materjal bijoloġiku meħud minn embrijuni umani.

Fl-Unjoni Ewropea, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kull pajjiż jista' jilleġiżla abbażi tal-filosofija tiegħu. Fl-Ewropa nsibu tliet perspettivi dwar ir-riċerka fuq l-embrijuni umani li huma:

1. *ir-rispett tal-embrijun sa mill-bidu nett;*
2. *l-embrijun huwa biss biċċa materjal bijoloġiku; u*
3. *li r-rispett lejn l-embrijun tikber proporzjonalment aktar mal-embrijun jiżviluppa (gradwaliżmu).*

---

[5] http://www.europarl.europa.eu/charter/default_en.htm

[6] Agius, Emmanuel, "Respecting the human embryo", in *The Sunday Times*, 7 June/14 June 2009, p.12.

[7] http://cordis.europa.eu/fp7/wp-2010_en.html

[8] http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+REPORT+A6-2006-0335+0+DOC+XML+V0//MT

[9] http://www.epo.org/patents/law/legal-texts/html/epc/1973/e/r23e.html

Quddiem dawn il-filosofiji Rev Prof Agius isemmi l-esperjenzi tiegħu bħala membru fil-*European Group of Ethics* u meta ġiet diskussa l-Opinjoni 22 dwar il-finanzjament tar-riċerka fuq l-embrijuni umani. Huwa sostna li l-liġi għandha tassigura l-protezzjoni massima lejn il-ħajja tal-bniedem sa mill-bidu nett. Il-Knisja, anki permezz ta' *Dignitas Personae,* issostni din il-filosofija ta' ħsieb u prattika.

Għall-kuntrarju li jiġri fil-Ġermanja, fejn id-dinjità tal-bniedem hija mħarsa sa mill-bidu nett u l-esperimentazzjoni fuq embrijuni hija projbita, Rev Prof Agius semma pajjiżi oħra b'viżjoni utilitarista u liberali, bħall-Ingilterra, l-Isvezja u l-Belġju, li jiġġustifkaw ir-riċerka fuq l-embrijuni u l-*hybrids*. Din hija filosofija li tirrifletti s-sentimenti u l-utilità, aktar mid-dinjità tal-bniedem, ir-rispett lejn il-ħajja u l-ġid komuni, fejn l-ideoloġija Anglo-Sassona ta' *the greatest good for the greatest number* tipprevali.

### 3.2. Il-Konvenzjoni ta' Oviedo[10]

Għall-kuntrarju ta' trattati u dikjarazzjonijiet oħra Ewropej u internazzjonali li ma jorbtux legalment, fl-1997 il-Kunsill tal-Ewropa għamlet pass il-quddiem u abbozzat il-Konvenzjoni ta' Oviedo. L-għan ta' din il-Konvenzjoni huwa li tipproteġi l-ħajja umana minn użu ħażin tat-teknoloġija medika u/jew bijoloġika. Din hija l-ewwel konvenzjoni internazzjonali f'dan il-qasam li torbot legalment lil dawk l-Istati Membri fil-Kunsill tal-Ewropa, u li jiffirmaw u jirratifikaw din il-Konvenzjoni. Minkejja r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Nazzjonali tal-Bijoetika u l-Knisja lokali (b'xi riservi), Malta għadha la ffirmat u lanqas irratifikat il-Konvenzjoni ta' Oviedo.

L-ewwel u t-tieni Artikli tal-Konvenzjoni ta' Oviedo jipproteġu d-dinjità u l-identità tal-bnedmin u żżomm il-prijorità tal-bniedem fuq l-interessi tas-soċjetà u x-xjenza. Madanakollu, Artiklu 14 ma jippermettix testijiet ġenetiċi (*PGD*) li jwasslu għal-qtil ta' embrijuni b'diżabilità jew ta' sess mhux mixtieq mill-ġenituri, sakemm mard ereditarju serju marbut mas-sess tal-embrijun għandu jiġi evitat. Ma' din il-Konvenzjoni, li tirrikonoxxi l-embrijun bħala bniedem, żdiedu għadd ta' protokolli oħra dwar il-projbizzjoni ta' klonazzjoni riproduttiva, it-trapjanti tal-organi u materjal bijoloġiku ta' natura umana, u r-riċerka biomedika. L-Ingilterra ma ffirmatx il-Konvenzjoni ta' Oviedo minħabba li f'dan il-pajjiz il-klonazzjoni terapewtika hija permessa.

Il-*Convention for the Protection of Human Rights and Dignity of the Human Being with Regard to the Application of Biology and Medicine,* magħrufa aħjar bħala l-Konvenzjoni ta' Oviedo issib bilanċ bejn il-ħarsien tad-dritt u d-dinjità tal-

[10] http://www.coe.int/t/dg3/healthbioethic/Activities/01_Oviedo%20Convention/

bniedem, u l-libertà tar-riċerka. Il-Konvenzjoni tħalli f'idejn kull stat firmatarju jekk jawtorizzax ir-riċerka fuq l-embrijuni jew le. Artiklu 18 jgħid li jekk ir-riċerka hija permessa, protezzjoni adegwata trid tingħata lill-embrijun u għandha ssir leġislazzjoni li tillimita din ir-riċerka.

Kif ġie spjegat fil-paragrafi ta' qabel, *Dignitas Personae* tiddefendi l-protezzjoni massima tal-embrijun uman sa mill-bidu nett, jiġifieri sa mill-konċepiment, u allura ma taqbilx ma' riċerka fuq l-embrijuni. Barra minn hekk, *Dignitas Personae* jagħmilha ċara wkoll fuq il-*morning-after pill* (*RU-486*) u l-*intrauterine devices* (*IUDs*). Dawn iwaqqfu jew jeliminaw l-embrijun qabel ma jiġi impjantat u allura dawn huma katalisti tal-abort.

## 4. Evalwazzjoni ta' Rev Prof Emmanuel Agius tar-Rakkmandazzjoniet fir-Rapport tal-10 Leġislatura

Rev Prof Agius spjega kif ma jarax diverġenzi kbar bejn ir-rapport fuq il-bijoteknoloġija tal-10-il Leġislatura u l-valuri u l-prinċipji ewlenin spjegati aktar qabel f'dan id-dokument. Fuq mistoqsija tal-Kumitat, huwa qal li personalment iħoss li jaqbel mal-parti l-kbira tal-kontenut tar-rapport intitolat *L-Użu tal-Bijoteknoloġija: Teknoloġija Ġenetika u Prokreazzjoni Assistita.* Huwa ddiskuta mal-Kumitat li r-rispett tal-ħajja umana u tal-familja dejjem inżammu fuq quddiem tul it-tfassil tad-dokument. L-interessi tat-tfal dejjem ġew rispettati u miżmuma.

Madanakollu, Rev Prof Agius, jidentifika tliet proposti li d-dokument tal-10 Leġislatura jħallihom miftuħin għad-diskussjoni u għal aktar stħarriġ, kemm tal-esperti u anke tal-opinjoni pubblika. Dawn jinkludu:

1. Liema koppji ser ikunu eliġibbli għas-servizzi tal-prokreazzjoni assistita;
2. L-iffriżar tal-embrijuni; u
3. Id-donazzjoni ta' gameti mit-terzi persuni.

**4.1. Liema koppji ser ikunu eliġibbli għas-servizzi tal-prokreazzjoni assistita. Hekk kif ġie spjegat fir-rapport tal-10-il Leġislatura, il-Membri Parlamentari għandhom deċiżjoni iebsa x'jieħdu sabiex jiddeċiedu liema koppja tista' tkun eliġibbli għas-servizzi tal-prokreazzjoni assistita u liema le.** Huwa fatt li r-Rapport Puli jillimita l-għażla għal żewġ kategoriji:

> *...jew it-twelid iseħħ fil-wens ta' familja ta' koppja eterosesswali marbutin bi żwieġ jew inkella it-twelid iseħħ fil-wens ta' koppja eteroseswali f'relazzjoni stabbli u li mhix miżżewġa. Minkejja li teżisti ħafna riċerka li turi li koppja miżżewġa għandhom aktar valur u sens ta' impenn u stabbilità fil-familja għall-benefiċċju tat-tfal,*

*jeżistu koppji oħrajn li jħossu li din it-teknoloġija għandha tkun offruta wkoll lil-koppji eterosesswali li qiegħdin jgħixu f'relazzjoni stabbli barra ż-żwieġ. Il-koppji mhux miżżewġa jsostnu li familja mhijiex neċessarjament dik tradizzjonali u lanqas neċessarjament dik ibbażata fuq żwieġ legalment rikonoxxut. Dawn il-koppji jesprimu d-dubbji tagħhom dwar ir-rabta li ssir bejn żwieġ legalment rikonnoxut u l-istabbilità tal-familja, kif ukoll jekk koppja miżżewġa tagħmilx essenzjalment ġenituri aktar responsabbli.*

L-Użu tal-Bijoteknoloġija – Teknoloġija Ġenetika u Prokreazzjoni Assistita
- pġ 152-153[11]

**Rev Prof Agius sostna li huwa fl-interess tar-tarbija li ser titwieled li dawn il-mezzi jiġu offruti lill-koppji miżżewġa għaliex dawn joffru l-aktar ambjent stabbli għall-iżvilupp tat-tfal.**

**4.2. L-iffriżar tal-embrijuni**

Problema morali u etika ewlenija oħra fil-prokreazzjoni assista hija bla dubju ta' xejn l-iffriżar tal-embrijuni. Dawn l-embrijuni jiġu ffriżati sabiex ikunu lesti għal proċedura oħra fil-futur jekk dik ta' qabilha ma tiżviluppax f'wild. Barra minn hekk, l-iffriżar isir sabiex jiġġustifika l-qerda tal-embrijuni. Madanakollu, l-iffriżar per se joqtol lil xi wħud minn dawn l-embrijuni u oħrajn li jirnexxielhom jiġu ffriżati, xorta waħda jiġu distrutti aktar il-quddiem meta l-użu tagħhom ma jibqax validu.

Ħafna huma l-każijiet kontroversjali u legali li ġew rappurtati f'diversi pubblikazzjonijiet. Fl-1983, koppja mietet f'inċident tal-ajru u ħallew warajhom embrijuni friżati fi klinika l-Awstralja, flimkien ma' ħafna proprjetà sabiex tintiret. Qamu ħafna mistoqsijiet u proposti li qanqlu dubji etiċi u legali, bħal pereżempju, jekk dawn l-embrijuni għandhomx jiġu trapjantati f'ommijiet oħra u b'hekk il-proprjetà fil-wirt tkun tista' titgawda minn 'uliedhom'. Kien ġie mwaqqaf kumitat magħżul li ddeċieda li dawn l-embrijuni għandhom jinqerdu. Min-naħa l-oħra, il-Parlament ta' Victoria għadda liġi sabiex dawn ma jiġux meqruda u sas-sena 2000 dawn il-ħajjiet umani kienu għadhom iffriżati fil-laboratorji[12].

---

[11] *L-Użu tal-Bijoteknoloġija – Teknoloġija Ġenetika u Prokreazzjoni Assistita (2005)* Rapport maħrug mill-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali ta' l-10 Leġislatura.

[12] http://books.google.com.mt/books?id=ukP5IOP3iCkC&pg=PA212&lpg=PA212&dq=Couple+airplane+crash+died+freezed+eggs+Victoria+Parliament+1983+embroys&source=bl&ots=xmVyhWRrBj&sig=2KGzJR6k7-GBpTcci-S-pO5Tk1c&hl=mt&ei=BUK7Sr_IFYuCmgPOtbSZDQ&sa=X&oi=book_result&ct=result&resnum=1#v=onepage&q=&f=false

Simili fl-Amerika ġew irrappurtati persuni li ddivorzjaw u tħabtu legalment għall-kustodja ta' dawn l-embrijuni[13]. Ħafna drabi dawn jispiċċaw iffriżati għal żmien twil, u eventwalment ma jibqgħux viabbli, jew jispiċċaw maqtula, jew inkella mogħtija lil-laboratorji ta' riċerka. **Rev Prof Agius qal li l-liġi għandha tisħaq fuq l-inqas numru possibbli ta' embrijuni iffertlizzati u trapjantati fil-ġuf tal-omm sabiex jiġi evitat l-iffriżar tal-embrijuni. Huwa saħaq li l-iffriżar tal-embrijuni għandu jkun projbit għaliex huwa kontra d-dinjità u l-integrità tal-ħajja umana.**

**Prof Rev Agius qal li l-pajjiż irid ikun kuraġġuż biżżejjed u ma jippermettix l-iffriżar tal-ħajja umana. Ir-Rapport Puli jirrakkomanda li l-iffriżar għandu jkun permess biss bħala eċċezzjoni biex tipproteġi l-ħajja umana f'dawk il-każi ta' koppji li jiġrilhom xi ħaġa tul il-proċess tal-prokreazzjoni assistita.** Filwaqt li ġew diskussi r-riskji tal-*ovarian hyperstimulation* u *multiple pregnancies*, Rev Prof Agius spjega kif skont iċ-Ċentru għall-Kontroll u Prevenzjoni u l-*Human Fertilisation and Embryology Authority*[14] tar-Renju Unit, l-iffriżar tal-embrijun jista' jwassal għal persentaġġ għoli ta' diżabilità.

**4.3. Id-donazzjoni ta' gameti minn terzi persuni (jekk xi ħadd mill-koppja tkun sterili)**

**Rev Prof Agius qal li bl-ebda mod ma għandu jitqies li d-donazzjoni ta' gameti minn terzi persuni, hija l-istess bħal meta xi ħadd jagħmel donazzjoni ta' xi organu, bħal kilwa jew xi *cornea*.** Din mhijiex kwistjoni bijoloġika biss, iżda fiha kwistjoni etika u morali fejn persuna qed tirrinunzja r-responsabilità għat-tarbija, li ġenetikament tappartjeni lilha. Dan l-aħħar fl-Ingilterra, nbidlet il-liġi tal-anonimità tal-persuna li tkun għamlet għotja ta' gameti. B'hekk, il-wild għandu dritt isaqsi għal dik il-persuna li għamlet l-għotja ta' gameti u jispiċċa bi tliet ġenituri (jew aktar).

Hekk kif ġie spjegat aktar qabel, Rev Prof Agius qal li kull tarbija għandha titwieled fiż-żwieġ u miż-żwieġ. Il-prokreazzjoni ta' persuna għandha tkun il-frott u r-riżultat tal-imħabba fiż-żwieġ. Dan huwa ta' ġid kemm għat-tarbija, kif ukoll għall-ġid komuni. L-indħil ta' persuna barranija bejn il-koppja miżżewġa permezz tal-għotja ta' gameti hija vjolazzjoni tal-għaqda, l-imħabba u l-fedeltà taż-żwieġ.

---

13 ibid

14 http://www.hfea.gov.uk/27.html

## 5. KONKLUŻJONI

Jidher li r-rapport tal-Kumitat dwar l-Affarijiert Soċjali tal-10 Leġislatura intitulat *L-Użu tal-Bijoteknoloġija: Teknoloġija Ġenetika u Prokreazzjoni Assistita*, jaqbel fil-maġġoranza tiegħu mal-valuri li jsaħħu d-dinjità tal-persuna umana. Huwa ċar li r-rapport jassigura l-protezzjoni massima lejn il-ħajja tal-bniedem sa mill-bidu nett, u l-interessi tat-tfal u l-familja.

Dan ir-rapport tal-11-il Leġislatura għaldaqstant ġie maħsub biex jgħin il-politiku jagħraf aħjar ir-responsabbiltà tad-deċizjonijiet tiegħu marbuta mal-prinċipji ta' moralità kif imressqa lill-Kumitat mir-Rev Prof Agius. Il-mistoqsijiet li jrid ikompli jistaqsi l-politiku f'din id-diskussjoni jitfgħu responsabiltà fuqu sabiex jieħu deċiżjoni li tkun ibbażata fuq il-ġid komuni, il-valur tal-bniedem, tal-familja u ż-żwieġ.

Nisperaw li dan ir-rapport jitfa' aktar dawl fuq din it-teknoloġija riproduttiva u jqanqal diskussjoni bbażata fuq ir-raġuni u mhux fuq l-utilità, is-sentimenti jew l-emozzjonijiet.

Intlaħaq qbil li diskussjoni iktar wiesgħa trid tkompli fuq livell mediku u legali, dwar:

1. Liema koppji ser ikunu eliġibbli għas-servizzi tal-prokreazzjoni assistita;
2. L-iffriżar tal-embrijuni; u
3. Id-donazzjoni ta' gameti minn terzi persuni.

IMQIEGĦED FUQ IL-MEJDA TAL-KAMRA
TAD-DEPUTATI FIS-S. 519 - 07.11.12
MILL- Onor. Edwin Vassallo M.P.

**SKRIVAN TAL-KAMRA**